*proċeduri għal żgumbrament abbażi tal-artikolu 9(1))(a) tal-Kap. 573*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 61/2022 LM

**Joseph Brown**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Brown**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-11 ta' Mejju, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrent u laqa' l-eċċezzjonijiet

tal-intimata **Awtorità tal-Artijiet** [hawnhekk 'l-appellata'], u pprefiġġa terminu ta' tletin jum entro liema r-rikorrent kellu jiżgombra mill-fond in kwistjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Fid-19 ta' Lulju, 2022, ir-rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali, li permezz tagħha ġie mgħarraf li huwa qiegħed jokkupa fl-fond kummerċjali numru 8, Triq Marsamxett, Valletta [hawnhekk 'il-fond in kwistjoni'] mingħajr titolu validu fil-liġi. Ir-rikorrent ressaq rikors quddiem it-Tribunal, fejn spjega preliminarjament li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur għaliex il-fond huwa mikri lil soċjetà kummerċjali, kif ukoll li huwa jokkupa l-fond leġittimament bħala direttur u diriġent tal-kumpannija li għandha titolu lokatizju fuq il-fond.

3. Min-naħa tagħha l-Awtorità intimata wieġbet li d-deċiżjoni meħuda minnha fit-13 ta' Lulju, 2022, li ġiet notifikata lir-rikorrent fid-19 ta' Lulju, 2022, hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li meta ħadet id-deċiżjoni appellata, hija mxiet skont il-liġi, inkluż li l-appellant ġie interpellat f'ismu proprju u mhux f'isem il-kumpannija li oriġinarjament kienet konċessa l-lokazzjoni, għaliex l-imsemmija kumpannija llum m'għadhiex teżisti, u huwa r-rikorrent li qiegħed jokkupa l-fond f'ismu u mingħajr ebda titolu. L-intimata spjegat li kien għalhekk li l-ordni ta' żgumbrament inħarġet kontra r-rikorrent. Qalet ukoll li l-kirja tal-fond de quo kienet ibbażata fuq rappreżentazzjoni skorretta tal-fatti, u huwa għalhekk li l-ordni ta' żgumbrament hija meritata. L-intimata talbet lit-Tribunal jistħarreġ id-diskrezzjoni użata minnha, iżda qalet li t-Tribunal m'għandux jissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha mad-diskrezzjoni tiegħu. L-intimata żiedet tgħid li għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet abbażi ta'

konsiderazzjonijiet rilevanti u skont prattiċi u kalkoli matematiċi stabbiliti għal każijiet bħal dan, kif ukoll skont prinċipji amministrattivi stabbiliti, u għalhekk għandu jirriżulta li hija mxiet korrettament, legalment, u b'mod regolari.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Mejju, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, filwaqt li laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata, u għadda sabiex jipprefiġġi terminu perentorju ta' tletin jum entro liema r-rikorrent għandu jiżgombra mill-fond in kwistjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali datata 13 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha ġie mitlub jiżgombra mill-fond numru 8, Triq Marsamxett, Valletta (tenement 061234) u dana ai termini tal-artikoli 9(1)(a) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe illi kien qiegħed jokkupah mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.*
>
> *Illi l-aggravji prinċipali mressqa fir-rikors promutur huma s-segwenti, u ċioe:*
>
> 1. ***Illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur stante li l-fond hu mikri lil soċjetà limitata;***
> 2. ***Illi huwa jokkupa l-istess fond leġittimament bħala direttur u diriġent ta' soċjetà li għandha titolu lokatizju fuq il-fond.***
>
> *Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fid-29 ta' Jannar, 2013, is-soċjetà Joe Brown Limited ingħatat kirja mill-Kummissarju tal-Artijiet tal-garaxx/store, Numru 8, Triq Marsamxett, il-Belt Valletta, u dan kif jirriżulta minn skrittura privata esebita bħala Dokument KG1 a fol. 53 tal-proċess. Fl-istess skrittura ġie indikat illi dan il-fond qiegħed jinkera bħala akkomodazzjoni alternattiva għall-fond numru 231, Triq ir-Repubblika, Valletta li kien meħtieġ in konnessjoni ma' proġett pubbliku.*
>
> *Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Settembru, 2019, mibgħuta lil Joseph Brown personalment u f'isem u in rappreżentanza ta' Joe Brown Limited, l-Awtorità tal-*

*Artijiet itterminat il-kirja tal-imsemmi garaxx peress li rriżultalha li l-kera tal-istess garaxx kienet saret b'mod żbaljat stante li kienet imsejsa fuq premessi foloz. Għaldaqstant ġie interpellat sabiex jiżgombra fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-istess ittra.*

*Illi permezz ta' ittra datata 16 ta' April, 2020, il-konsulent legali ta' Joe Brown Limited kiteb ittra lill-Awtorità intimata fejn talab il-kunsens tagħha biex il-kirja tiġi ttrasferita favur ir-rikorrent. (fn. 1 Dokument KG8 a fol. 120)*

*Illi minn Dokument KG 6 a fol. 72 jirriżulta illi s-soċjetà Joe Brown Limited ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji fit-30 ta' Ġunju, 2020, wara liema, fil-21 ta' Lulju, 2022, ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) sabiex l-istess soċjetà terġa' tiddaħħal fir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

***Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien jopera ħanut ġewwa Triq ir-Repubblika, Valletta u li fiż-żmien kellu aċċess għal fuq il-ħanut li kien jużah bħala maħżen. Spjega li dan il-maħżen kien itteħidlu mill-Gvern u ngħata l-fond numru 28, Triq il-Lvant, Valletta b'kera. Sussegwentement huwa talab li jingħata l-fond in kwistjoni flok dak bin-numru 28, Triq il-Lvant, Valletta.*

***Dr. Kimberly Galea,*** Legal Professional Officer *mal-Awtorità intimata, spjegat illi l-Awtorità intimata kien irriżultalha illi l-fond in kwistjoni kien ingħata fuq premessi foloz u ċioe li għalkemm kien dikjarat mill-inkwilin li kien itteħidlu tramite esproprjazzjoni fil-fond numru 231, Triq ir-Repubblika, Valletta, dan fil-fatt ma rriżultalhiex li kien il-każ. Spjegat ukoll illi apparti minn hekk, irriżultalha wkoll illi s-soċjetà Joe Brown Limited kienet ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u kwindi l-inkwilin ma kienx għadu legalment jeżisti.*

*Illi fil-kors ta' din il-kawża qam dubju jekk il-maħżen li r-rikorrent jgħid li ġie esproprjat kienx jifforma parti mill-fond 231 jew 230. Għalhekk ix-xhud Dr. Kimberly Galea għamlet riċerka fil-fajls tal-Awtorità minn fejn irriżultalha illi la l-fond numru 231 u lanqas dak bin-numru 230 ma kienu qatt ġew esproprjati. Ix-xhud spjegat li kull ma sabet fir-*records *kien biss* encroachment permits *biex jitpoġġew xi mwejjed fuq l-istess fondi. (fn. 2 Ara Dokumenti KG 7 u KG 8 a fol. 112 sa 119)*

***Il-Perit Carmel Cacopardo** spjega illi bejn is-sena 1988 u 1990/1991 kien Ċermen Eżekuttiv tal-Valletta Harbour Works. Xehed illi fl-1988 kienu nkarigati mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djar sabiex jirriabilitaw fond li llum jismu Casa Gaspe. Spjega li r-rikorrent kien jafu u li f'dak iż-żmien kellu ħanut taħt l-imsemmi fond li minnu kien ibiegħ affarijiet tal-elettriku. Spjega li meta l-ħaddiema bdew inaddfu rriżultalhom li kien hemm parti mill-fond li kienet użata mis-Sur Brown bħala maħżen*

*u li kienet annessa mal-ħanut tiegħu. Għalhekk saru l-arranġamenti mas-Segretarjat Parlamentari biex is-Sur Brown inħareġ mill-istess ambjenti.*

***Ikkunsidra:***

*Illi t-Tribunal jibda biex josserva illi l-ittra uffiċjali impunjata hija indirizzata lil* ***Joseph Brown*** *u kwindi fil-kapaċità personali tiegħu. Illi ġie ppruvat illi s-soċjetà Joe Brown Limited kienet ingħatat il-fond in kwistjoni b'kirja għal ħmistax-il sena però l-istess soċjetà ma tiffigurax fl-ittra uffiċjali de quo. Jirriżulta però illi l-Awtorità intimata kienet ippreżentat ittra uffiċjali kontra s-soċjetà Joe Brown Limited u kontra r-rikorrent personalment fis-6 ta' Settembru, 2019, li permezz tagħha tterminat il-kirja tal-garaxx de quo u dan abbażi tal-fatt li rriżultalha li l-kirja kienet imsejsa fuq premessi foloz u li ma jiġġustifikawx il-kera tal-istess fond bħala sit alternattiv. (fn. 3 A fol. 64) Illi l-Awtorità intimata ma ppreżentatx prova dwar jekk is-soċjetà Joe Brown Limted u r-rikorrent kinux ġew notifikati b'dik l-ittra uffiċjali. Madanakollu, it-Tribunal ħa* judicial cognizance *tal-istess ittra uffiċjali mir-Reġistru tal-Qorti Ċivili minn fejn jirriżulta illi l-istess ittra uffiċjali kienet ġiet notifikata lis-soċjetà Joe Brown Limited fl-14 ta' Settembru, 2019, però ma kinitx ġiet notifikata lir-rikorrent personalment. Illi ma jirriżultax illi s-soċjetà Joe Brown Limited appellat minn dik l-ittra uffiċjali u kwindi l-effetti tal-istess ittra uffiċjali llum huma eżekuttivi, u għalhekk ċertament illum il-ġurnata l-istess soċjetà m'għandha ebda titolu validu fil-liġi fir-rigward tal-fond de quo.*

*Illi t-Tribunal josserva illi l-provi mressqa mir-rikorrent kienu fil-maġġorparti tagħhom indirizzati fuq il-kwistjoni jekk ir-rikorrent kienx ingħata fond alternattiv għaliex il-maħżen li kellu fi Triq ir-Repubblika, ġie esproprjat. Illi però, it-Tribunal iqis li huwa għandu quddiemu strettament talba għal żgumbrament għaliex ir-rikorrenti f'ismu personali m'għandux titolu sabiex jokkupa l-fond in kwistjoni.*

*Illi ġie ppruvat illi s-soċjetà li kienet parti għall-kuntratt tad-29 ta' Jannar, 2013, illum m'għadhiex teżisti u kwindi lanqas tista' tokkupa b'kera l-fond in kwistjoni. Dan apparti li l-kirja fil-konfront tagħha kienet ġiet terminata permezz ta' ittra uffiċjali kif ġie indikat hawn fuq. Kwindi la darba s-soċjetà li kienet inkwilina ma għadhiex teżisti, u ladarba l-kirja favur tagħha ġiet terminata, lanqas min seta' kien direttur jew ishmatarju tagħha ma jista' jokkupa l-istess fond. Illi filwaqt li r-rikorrent ippreżenta kopja ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fejn talab li s-soċjetà Joe Brown Limited terġa' tiġi mpoġġija fir-Reġistru tal-Kumpanniji, liema proċeduri għadhom pendenti, fil-mument li ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali de quo l-istess soċjetà ma kinitx għadha teżisti. Kien biss wara li r-rikorrent fid-19 ta' Lulju, 2022, irċieva l-ittra uffiċjali de quo li fil-21 ta' Lulju, 2022, ippreżenta r-rikors quddiem il-*

*Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) u dan wara li l-istess soċjetà kienet ilha aktar minn sentejn imneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji. Illi, però, anke jekk għall-grazzja tal-argument l-istess soċjetà terġa' tiġi mpoġġija fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, xorta waħda ma tista' tivvanta ebda titolu fir-rigward tal-fond de quo.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qed jikkonvalida l-ittra uffiċjali Numru 2985/22 ippreżentata fit-13 ta' Lulju, 2022.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata. Ai termini tal-artikolu 16(2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta it-Tribunal qiegħed jipprefiġġi terminu perentorju ta' tletin (30) ġurnata entro liema r-rikorrent għandu jiżgombra mill-fond in kwistjoni.*

*Spejjeż a karigu tar-rikorrent."*

## <u>L-Appell</u>

5. Ir-rikorrent appella mis-sentenza tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell intavolat fil-25 ta' Mejju, 2023, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-Tribunal tal-11 ta' Mejju, 2023.

6. L-appellant qal li milli jidher it-Tribunal wasal għall-konklużjonijiet tiegħu abbażi ta' ittra uffiċjali oħra li allegatament saret kontra l-kumpannija Joe Brown Limited fl-14 ta' Settembru, 2019, u t-Tribunal, minkejja li ma ġiet esebita l-ebda kopja legali ta' dik l-ittra uffiċjali, jew prova tan-notifika tagħha, iddikjara li ħa *judicial cognizance* ta' dik l-ittra uffiċjali, u ra li ma kinitx ġiet ikkontestata, u għalhekk ikkonkluda li s-soċjetà Joe Brown Limited ma tista' tivvanta l-ebda titolu ta' kera. L-appellant qal li sussegwentement it-Tribunal ra li din l-ittra hija

indirizzata lil Joe Brown personalment, u ra li dan m'għandu l-ebda titolu u għalhekk ċaħad it-talba tiegħu.

7. L-appellant qal li hawnhekk it-Tribunal ikkommetta diversi nuqqasijiet. Spjega li t-Tribunal ma setax jieħu *judicial cognizance* ta' ittra uffiċjali, għaliex kieku seta' jsir dan, f'każijiet fejn tiġi eċċepita l-preskrizzjoni, ir-rikorrent ma jkollu bżonn jagħmel xejn, għaliex il-Qorti tfittex u tieħu konjizzjoni ta' ittri uffiċjali li setgħu ġew ippreżentati. Qal li l-pożizzjoni legali hija ferm differenti minn hekk, u l-prinċipju legali jibqa' *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat,* u għalhekk l-appellata kellha ġġib il-prova li saret l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Settembru, 2014 u li ġiet notifikata lilu, u mhux joqgħod ifittex it-Tribunal jekk dan sarx. Qal li fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal kellu jinjora l-ittra uffiċjali in kwistjoni.

8. L-appellant qal li minkejja dan, lanqas l-appellata ma qieset l-ittra uffiċjali bħala waħda konklussiva għall-fini ta' żgumbrament, u baqgħet tirċievi l-kera xorta waħda. L-appellant qal li ladarba l-kirja baqgħet titħallas lill-appellata u ġiet aċċettata wara l-2014, dan ifisser li l-Awtorità stess aċċettat li kwalunkwe ittra uffiċjali preċedenti għal dik li qiegħda tiġi kkontestata f'dawn il-proċeduri ma kinitx waħda valida u siewja biex twassal għall-iżgumbrament. Qal ukoll li minn ħarsa lejn is-sit elettroniku tal-Qorti, għandu jirriżulta li l-appellant personalment kien ġie notifikat bl-ittra uffiċjali ta' Settembru 2019, iżda n-notifika tal-kumpannija Joe Brown Limited baqgħet negattiva. Qal li għalhekk żgur li ma kien hemm l-ebda titolu eżekuttiv ta' żgumbrament fil-konfront tal-kumpannija, u ma kien hemm xejn li kellu jiġi kkontestat min-naħa tagħha.

9. L-appellant qal li l-appellata lanqas eċċepiet li kellha titolu eżekuttiv preċedenti kontra s-soċjetà Joe Brown Limited, u dak li qalet fir-risposta tagħha kien biss li s-soċjetà kienet ġiet stralċjata, u kien għalhekk li pproċediet kontra Joseph Brown personalment. L-appellant qal li għalhekk mhuwiex minnu li l-kirja tas-soċjetà Joe Brown Limited ġiet itterminata, u għalhekk it-Tribunal kellu jikkonkludi li l-ittra uffiċjali saret ħażin, għaliex din kellha ssir kontra l-kumpannija Joe Brown Limited u mhux kontra tiegħu personali. Qal li t-Tribunal għalhekk kellu jieqaf hemmhekk.

10. L-appellant qal li anki l-osservazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar il-fatt li l-kumpannija ġiet stralċjata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, m'għandhom l-ebda rilevanza għal din il-kwistjoni. Qal li huwa esebixxa estratti mill-atti tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) sabiex l-imsemmija kumpannija terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru, u qal li huwa m'għandu l-ebda dubju li dawk il-proċeduri ser ikollhom eżitu favorevoli. Qal ukoll li jekk it-Tribunal kellu xi dubju dwar dan, seta' jiddeferixxi l-proċeduri li kellu quddiemu sabiex jistenna l-eżitu tal-proċeduri dwar ir-riavvivar tal-kumpannija.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellata fir-risposta tagħha qalet li s-sentenza tat-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. Spjegat li l-appellant qiegħed jikkontesta s-sentenza li ngħatat mit-Tribunal wara li dan għarbel il-provi kollha u wara li qies l-aspetti legali kollha rilevanti għall-każ odjern.

12. L-appellata qalet li l-analoġija li għamel l-appellant dwar il-fatt li skont hu t-Tribunal ma kellux jieħu *judicial cognizance* tal-ittra ufficjali, u fejn anki semma każijiet ta' preskrizzjoni, m'għandhomx x'jaqsmu mal-proċeduri odjerni. Qalet li l-ittra hija att ġudizzjarju u dokument pubbliku li t-Tribunal seta' jieħu konjizzjoni tiegħu, speċjalment meta sar riferiment għal din l-ittra mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom.

13. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant li l-ittra ufficjali ġiet notifikata biss lil Joseph Brown personalment, l-appellata qalet li s-soċjetà Joe Brown Limited qatt ma setgħet tiġi notifikata għaliex kienet soċjetà defunta. Qalet li soċjetà defunta ma tistax tinstab li qiegħda tokkupa fond, u għalhekk jekk tali fond instab li kien okkupat mill-persuna ta' Joseph Brown, l-Awtorità tal-Artijiet kellha tipproċedi kontra tiegħu personalment, għaliex Joseph Brown personalment ma kellu l-ebda titolu fuq il-fond.

14. B'riferiment għas-sottomissjoni tal-appellant li s-soċjetà Joe Brown Limited ippreżentat proċeduri ġudizzjarji sabiex tiġi ravvivata, l-appellata qalet li dan il-proċess beda wara li kienu nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal, u m'hemmx dubju li dan sar f'tentattiv sabiex l-appellant jirxoxta r-relazzjoni lokatizja li kien hemm bejn is-soċjetà Joe Brown Limited u l-Awtorità tal-Artijiet. Qalet li sallum, mhux talli din il-kumpannija ma ġietx ravvivata, talli fil-mument li fih ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-iżgumbrament, din kienet ilha defunta. L-appellata qalet li għalhekk għandu jiġi kkonfermat li hija kienet ġusta fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Lulju, 2022.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15 . Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta tal-appellat, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata. Għandu jingħad li fid-19 ta' Lulju, 2022, l-appellant ġie notifikat b'ittra uffiċjali mibgħuta lilu mill-appellata, fejn intalab jiżgombra mill-fond għaliex instab li huwa kien qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi. L-appellant ressaq rikors quddiem it-Tribunal fejn qal li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għaliex il-fond in kwistjoni jinsab mikri lil kumpannija, li huwa azzjonist u diriġent tagħha. Jirriżulta li l-kumpannija in kwistjoni Joe Brown Limited illum m'għadhiex teżisti, għalkemm l-appellant fetaħ proċeduri sabiex din terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji. Jirriżulta wkoll li fil-passat l-Awtorità appellata bagħtet diversi ittri uffiċjali kemm lil Joe Brown Limited kif ukoll lill-appellant personalment, b'talba speċifika għall-iżgumbrament mill-fond, għaliex ġie ikkonstatat li dan kien inkera lilu abbażi ta' premessi żbaljati. L-appellata għalhekk ipproċediet abbażi tal-artikolu 9(1))(a) tal-Kap. 573 sabiex titlob l-iżgumbrament tal-appellant mill-fond wara li ġie stabbilit li dan il-fond qiegħed jiġi okkupat mingħajr titolu fil-liġi.

16. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li t-Tribunal ma setax jieħu jieħu *judicial cognizance* tal-ebda ittra uffiċjali li mhijiex esebita in atti, u hija l-appellata li kellha ġġib prova tan-notifika ta' din l-ittra u mhux ikun it-Tribunal li jagħmel verifiki u jistabbilixxi jekk din l-ittra uffiċjali ġietx notifikata u lil min.

17. Il-Qorti tibda billi tiġbed l-attenzjoni tal-appellant għall-fatt li hemm diversi inkonsistenzi jekk mhux saħansitra żbalji, fid-dati mogħtija minnu f'dan l-ewwel aggravju tiegħu. Il-Qorti tirrileva wkoll li dan huwa appell mis-sentenza tat-Tribunal tal-11 ta' Mejju, 2023. Kien l-appellant li beda dawn il-proċeduri wara li fid-19 ta' Lulju, 2022 huwa ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju, 2022 li permezz tagħha huwa ntalab jiżgombra mill-fond. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal inbdew mill-appellant abbażi tal-imsemmija ittra uffiċjali sabiex jikkontesta jew iwaqqaf l-effetti legali li ittra uffiċjali b'talba bħal dik seta' jkollha fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant it-Tribunal ma kellux għalfejn jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar ittri uffiċjali oħra mibgħuta preċedentement, għaliex il-mertu tal-proċeduri odjerni hija l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju, 2022. Madanakollu, it-Tribunal ikkonsidra li mill-provi in atti rriżulta li l-appellata kienet bagħtet ittra uffiċjali oħra fis-6 ta' Settembru, 2019, li permezz tagħha ntalab l-iżgumbrament mill-fond in kwistjoni kemm ta' Joe Brown Limited kif ukoll tal-appellant personalment. It-Tribunal għamel l-indaġini tiegħu u kkonkluda li dik l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lil Joe Brown Limited iżda mhux lill-appellant personalment. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li dan mhux minnu, u li fil-fatt dik l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lilu personalment u mhux lil Joe Brown Limited. It-Tribunal qies li Joe Brown Limited ma kkontestatx it-talbiet f'dik l-ittra, u għalhekk l-appellata kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront ta' din il-kumpannija, li sadanittant ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, u għalhekk ma baqgħetx teżisti. Imma l-appellata ma kisbet l-ebda titolu eżekuttiv fil-konfront tal-appellant personalment, u kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa li tintbagħat ittra uffiċjali oħra b'talba għall-iżgumbrament tiegħu mill-fond, liema talba qiegħda tiġi kkontestata bil-proċeduri odjerni. Is-

soċjetà Joe Brown Limited mhijiex parti mill-proċeduri odjerni, u għalhekk kull konsiderazzjoni li setgħet saret mit-Tribunal dwar l-effetti tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru, 2019 u dwar jekk din tiffurmax stat ta' fatt fil-konfront ta' Joe Brown Limited, m'hija tal-ebda rilevanza għall-finijiet tal-proċeduri odjerni. Fl-atti ġew esebiti diversi ittri uffiċjali li ntbagħtu lill-appellant u/jew lill-kumpannija li tagħha huwa kien azzjonist ewlieni fis-snin passati, u fix-xhieda li ngħatat u fid-dokumenti li ġew esebiti sar anki riferiment għall-ittra tas-6 ta' Settembru, 2019. Aktarx li kien għalhekk li t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jagħmel il-verifiki tiegħu dwar dik l-ittra uffiċjali lil min ġiet notifikata, u x'kienu l-effetti legali ta' tali notifika. Il-Qorti tfakkar li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa tribunal li ġie imwaqqaf biex jagħmel skrutinju ta' deċiżjonijiet amministrattivi li jittieħdu minn entitajiet amministrattivi, u għalhekk l-analoġija li saret mill-appellant ma' xi Qorti li trid tagħti deċiżjoni dwar jekk talba hijiex preskritta jew le, qajla tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li kull konsiderazzjoni li għamel it-Tribunal rigward in-notifika tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru, 2019, m'hija tal-ebda rilevanza għall-mertu proprju li jrid jiġi deċiż b'dawn il-proċeduri, u għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

18. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal kellu jiddetermina jekk l-Awtorità appellata kinitx korretta meta intavolat ittra uffiċjali kontra tiegħu personalment, wara li qieset li s-soċjetà Joe Brown Limited kienet inqatgħet mir-Reġistru tal-Kumpanniji. Żied jgħid li l-osservazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar il-fatt li Joe Brown Limited effettivament kienet ġiet *struck off,* m'huma tal-ebda rilevanza għal dawn il-

proċeduri, u fi kwalunkwe każ hemm pendenti proċeduri separati sabiex il-kumpannija Joe Brown Limited terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

19. Il-Qorti tirrileva li l-Awtorità tal-Artijiet, ma setgħetx tintavola ittra uffiċjali fejn titlob l-iżgumbrament minn fond ta' persuna li ma teżistix. Tfakkar għal darb'oħra li dak li qiegħed jiġi kkontestat b'dawn il-proċeduri hija l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju, 2022, indirizzata lill-appellant personalment wara li nstab li kien l-appellant innifsu li kien qiegħed jokkupa l-fond li minnu qiegħed jintalab l-iżgumbrament. Meta ntbagħtet dik l-ittra uffiċjali, il-kumpannija Joe Brown Limited kienet diġà ġiet maqtugħa minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, u kien biss wara li saret in-notifika tal-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità tal-Artijiet li nbdew il-proċeduri sabiex Joe Brown Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru. Sallum ma jirriżultax li dawk il-proċeduri ġew fi tmiemhom. Ċertament li l-appellata ma setgħetx tipproċedi kontra persuna legali li fil-mument li ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali ma kinitx għadha teżisti. Setgħet tipproċedi biss kontra min instab li qiegħed jokkupa l-fond mingħajr ebda titolu.

20. Il-Qorti għalhekk tqis li m'hemm xejn li huwa amministrattivament skorrett jew li jimmerita ċensura fil-mod kif imxiet l-Awtorità tal-Artijiet fil-proċeduri odjerni, u għalhekk il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**